# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 25 ta' Frar, 2025.**

**Numru 13**

**Rikors numru 1020/2017/1 TA**

**Philip Agius**

**v.**

**The AV Warehouse Limited (C-36143)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija kawża dwar danni lill-persuna miftuħa minn impjegat li weġġa' fuq il-post tax-xogħol.

2. L-attur, wara li ppremetta illi:

(1) Kien impjegat mas-soċjetà konvenuta.

(2) Fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Settembru 2015, qabditu jieħu ħsieb l-armar u ż-żarmar tal-apparat ta' dawl u *sound* għal attività sportiva li kellha tinżamm fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera.

(3) Meta spiċċat din l-attività sportiva, huwa u ħaddiema oħra bdew iżarmaw l-apparat ta' dawl u *sound*. Fis-siegħat bikrin tas-26 ta' Settembru 2015 għall-ħabta ta' 2.30am, waqgħet parti minn dan l-apparat magħruf bħala *truss*, u r-rikorrent, b'konsegwenza tal-istess, safa korrut f'rasu.

(4) B'konsegwenza ta' dan l-inċident sofra debilità permanenti qawwija fuq il-persuna tiegħu, u danni konsegwenzjali.

3. Talab lill-Qorti sabiex:

(1) Tiddikjara illi s-soċjetà konvenuta hi responsabbli għall-inċident imsemmi, u għall-konsegwenti debilità permanenti li qed ibati fuq persuntu, u għad-danni l-oħra kollha sofferti b'konsegwenza tal-istess inċident.

(2) Tillikwida d-danni sofferti minnu minħabba dan l-inċident.

(3) Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta biex tħallsu d-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali tat-8 ta' Marzu 2017 u bl-imgħaxijiet kontra s-soċjetà konvenuta.

4. Il-konvenuta eċċepiet illi:

(1) Mhux minnu li l-inċident ġara minħabba xi tort, negliġenza jew nuqqas t'osservanza tal-prekawzjonijiet meħtieġa da parti tagħha.

(2) L-inċident seħħ b'tort u negliġenza tal-attur stess.

(3) Bla preġudizzju, d-danni, kemm dawk ta' *damnum emergens* u *lucrum cessans* iridu jiġu ppruvati skont il-liġi.

5. B'sentenza tat-8 ta' Mejju 2024 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta; laqgħet l-ewwel talba; laqgħet it-tieni talba u llikwidat id-danni fis-somma ta' €477,339; u laqgħet it-tielet talba.

6. L-Ewwel Qorti bdiet ir-raġunament tagħha dwar ir-responsabbiltà għal dak li seħħ billi għamlet ċitazzjoni estensiva tal-liġijiet, regolamenti, dottrina u ġurisprudenza li jiffissaw l-obbligi legali ta' min iħaddem.[1]

7. Imbagħad issuktat tagħmel dawn il-kunsiderazzjonijiet dwar ir-responsabbiltà għall-inċident:

> "18. Id-difiża prinċipali tas-soċjetà konvenuta hija dik li titfa' r-responsabbilita' tal-akkadut fuq l-Attur. Jekk dan huwa minnu allura t-talbiet Attriċi għandhom ikunu miċħuda. Din l-eċċezzjoni għandha żewġ tifsiriet. L-ewwel waħda li kien kompitu tiegħu li jieħu ħsieb li jkun hemm ambjent ħieles minn riskji għas-saħħa tal-ħaddiem u dan ma wettaqx xogħolu sewwa f'dan ir-rigward għaliex kien ukoll *safety officer* skont il-liġi. It-tieni waħda hi, li indipendentment minn dan l-aspett, kien oġġettivament responsabbli għal dak li ġralu għaliex ma kienx ħa ħsieb

[1] Para. 4 – 17 tas-sentenza.

li jħares saħħtu kif wara kollox anke jesiġu kemm ir-regolamenti u Sentenzi fuq imsemmija.

**L-Attur bħala *safety officer***

19. Ma hux dubitat li l-Attur kien impjegat tas-soċjetà konvenuta. Biex il-Qorti tkun tista' tasal għall-konklużjoni dwar il-ħtija huwa importanti għalhekk li jkun eżaminat x'jemerġi mill-provi dwar x'tassew kienet ir-relazzjoni tal-Attur qua impjegat mas-soċjetà konvenuta qua employer u ta' x'kien ir-remit ossia job description tal-impieg tal-Attur.

20. Mill-provi jirrisulta b'mod abbundanti, li l-Attur kien il-factotum f'ħafna mix-xogħol li kienet tagħmel is-soċjetà konvenuta. Kien bniedem, li fil-qasam ta' tal-Audio and Visual (AV) kellu esperjenza tant kbira li kien bniedem magħruf minn kulħadd f'dan il-qasam u dan kif xhedu bosta waqt il-kawża. L-anqas ma hemm dubbju, li l-ħila u l-kapaċitajiet tiegħu kienu żgur parti mill-mutur tas-suċċess tas-soċjeta konvenuta f'din il-linja ta' xogħol (ara xhieda ta' Antoine Busuttil a' fol 843 tergo).

21. F'dan ir-rigward, Charles Micallef mill-OHSA għid, li ma ħassx li kellu jieħu passi kontra s-soċjetà konvenuta għaliex l-Attur kien naqas li jieħu ħsieb tas-saħħa u sigurta' tiegħu nnifsu (a' fol 748). Dan ikomlpi jixhed "Heq jien fi x'hin qalli li huwa s-supervisor, l-operations manager, jiena hemm hekk idi gew marbuta fuq il-kaz. Heq mela miskin dan garrab li garrab" (Emfażi tal-Qorti a' fol 746 tergo). Irid jingħad, li sabiex dan ix- xhud wasal għall-konklużjonijiet tiegħu ma għamel ebda verifiki mal-Jobs Plus iżda qagħad biss fuq dak li qallu l-Attur (a' fol 750). Il-Qorti tħoss li dan ix-xhud kien xi ftit spiċċattiv fil-qadi ta' dmirijietu. Li kieku għamel id- debiti riċerki, kien isib li d-desinjazzjoni tal-impieg (job description) tal- Attur kienet waħda ta' technician/rigger u mhux supervisor (a' fol 773). U li kieku ra sewwa xi tgħid il-liġi forsi kien jaħsibha mod ieħor u dan kif ser ikun spjegat aktar 'l isfel.

22. Paul Falzon, il-ubo tas-soċjetà konvenuta li anke jiddiskrivi lilu nnifsu bħala l-propjetarju, jixhed li dak iż-żmien ma kienx hemm safety officer għaliex il-kumpanija kienet żgħira imma llum hemm (a' fol 730 tergo). Għalkemm aktar tard fix-xhieda tiegħu, fuq mistoqsija tal-avukat tiegħu, dan għid li kien l-Attur li jagħmilha ta' safety officer (a' fol 731). L- Attur jikkorrabora dan meta iwieġeb, li parti minn xogħolu kien li jara li jkun hemm a safe system of work (a' fol 865).

23. Reno Attard, li jikri lis-soċjetà konvenuta jiddiskrivi lill-Attur bħal qiesu r-rigħt hand man tiegħu, iġifieri ta' Paul Falzon (a' fol 838 hekk ukoll jiddiskrivih Mathieu Cilia). U Damien Alison, li kien juża s-servizzi tas-soċjeta konvenuta għid, li fejn jidħlu flus kien ikollu x'jaqsam ma' Paul Falzon u meta kienu jaslu l-events kien ikollu x'jaqsam mal-Attur. (a' fol 854 tergo).

24. Ma hemm ebda dubbju, li Paul Falzon kien jafda b'għajnejh magħluqa fl-Attur u l-Qorti taħseb, li dan sabha komda, li filwaqt li hu jieħu ħsieb tal-flus, l-Attur, anke jekk ma kienx uffiċjalment impjegat għalhekk, kien jieħu ħsieb il-loġistika u r-riskji kollha fuq il-lant tax-xogħol li kull kull event kien iġib miegħu, inkluż għalhekk li jishar fuq saħħet ħadd ieħor. Iġifieri l-Attur kellu r-responsabbilita' doppja, li jwettaq dmiru bħala ħaddiem u li jishar fuq is-saħħa ta' ħadd ieħor għaliex ġie magħżul għalhekk mis-soċjetà konvenuta.

25. Desmond Tanti jixhed ukoll li ".... l-Attur kien operations manager ..... kien jippjana x-xogħol, iqassam ix-xogħol u kien ukoll jarma u jzarma magħna f'dawn l-events li qed insemmi" (a' fol 630). Paul Falzon, is-sid tas-soċjetà konvenuta għid, li apparti li jissorvelja x-xogħol kien jagħti ukoll daqqa t'id (a' fol 714 tergo).

26. Meta l-Attur talab lil Paul Falzon biex l-obbligi li għandu jkunu uffiċjalment riflessi fil-job description tiegħu, dan jixhed hekk "kulhadd jirrakonta li jien kont manager. Meta tlabt lil Paul biex jiktibni bhala manager għax jien mhux veru manager kont imnizzel qalli le inti wiehed minnhom, dik kienet ir-risposta. Dawn huma affarijiet, dettalji zgħar li niftakar f'hajti" (a' fol 863.) Possibilment li kieku s-soċjetà konvenuta laqgħet it-talba tal-Attur kienet loġikament tfisser żieda fis-salarju tal-Attur.

27. Issa l-liġi tippermetti li jista' jintgħażel ħaddiem biex jara li jkun hemm a safe system of conduct fix-xogħol. Di fatti Regolament 9 tal-Avviż legali 424/18 jiddisponi hekk:

> "(1) F'kull post tax-xogħol, min iħaddem għandu jagħmel persuna waħda jew aktar li jkollha l-ħeġġa, kapaċitajiet, kompetenza u tagħrif neċessarju sabiex tassistieh fit-teħid ta' mizuri meħtiega fejn tidħol il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-prevenzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' fuq ix-xogħol:
> Izda fejn iktar minn persuna waħda tkun magħzula, jew fejn ikunu mqabbda servizzi esterni, min iħaddem għandu jagħmel arrangamenti sabiex jizgura koperazzjoni adegwata bejniethom.
>
> (2) Ħaddiema li jkunu ntgħazlu sabiex iwettqu l-attivitajiet imsemmija fl-aħħar subregolament, ma jistgħux jitpoggew f'xi zvantagg minħabba l-attivitajiet tagħhom li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-prevenzjoni ta' riskji fuq il-post tax-xogħol". (emfażi tal-Qorti)

28. Minn dan ir-regolament jirrisulta, li mhux la kemm li min jimpjega jaħtar ħaddiem ai fini ta' din il-parti tal-Liġi. Il-persuna hekk maħtura jrid ikollha ċertu kwalifiki bħal ma huma l-ħeġġa, kapaċitajiet neċessarji, kompetenza u tagħrif neċessarji u dan biex tassistih u mhux biex teżonera lil min jimpjega minn kull responsabbilita' li jassigura l-ħarsien tal-ħaddiema fuq ix-xogħol. Għalkemm meta Paul Falzon reġa' xehed in kontro-eżami f'sens ġenerali għid li kollox kien jiddependi mill-Attur u li kien iħalli kollox f'idejh. Għid li fuqu ma kien hemm ħadd ħlief hu bħal

propjetarju (a' fol 731). B'dana kollu dan ma jfissirx li Paul Falzon kien b'daqshekk ħeles u llibera lilu innifsu minn kull responsabbilita' taħt il-liġi.

29. Iġifieri l-ħaddiem magħżul ma jissostitwixxix lil min iħaddem f'dan l-obbligu essenzjali tiegħu. Dan tant huwa minnu, li jekk tinqala' xi ċirkostanza, bħal dik li għandha quddiemha din il-Qorti, il-liġi tgħid dak il- ħaddiem hekk magħżul, ma għandux isib ruħu fi svantaġġ minħabba din il-posizzjoni. Di piu', minn imkien ma emerġa li l-Attur jipposjedi l-kapaċitajiet, kompetenza u tagħrif neċessarju biex tassew seta' jitqiegħed f'din posizzjoni. Anzi mill-provi jirrisulta l-kuntrarju kif ser naraw aktar 'l isfel, li l-ħaddiema kienu neqsin minn kull taħriġ rejali kif titlob il-liġi.

30. Il-modus operandi tas-soċjetà konvenuta kienet li titfa' kollox fuq l-Attur. Mid-defiċjenzi ta' tagħrif neċessarju anke fid-dawl li ma jirrisultax li qatt sar risk assessment, jista' jiġi desunt xi kwalita' ta' assessment għamlet is-soċjetà konvenuta meta għażlet lill-Attur biex jokkupa kariga bħal din. B'ħatra bħal din, is-soċjeta konvenuta ma tistax issa ssibha komda billi tinkolpa lill-Attur biex taħrab mill-obbligi tagħha taħt il-liġi, meta
fl-aħħar kien hekk magħżul biex jassistiha u mhux jissostitwixxiha f'dan l- obbligu partikulari.

**L-allegat aġir kontributorju tal-Attur**

31. Kif diġa' rilevat, is-soċjetà konvenuta tallega li l-Attur stess ikkontribwixxa għall-inċident għaliex ma ħax ħsieb tiegħu innifsu.

32. L-aktar xhud importanti f'din il-Kawża kien Desmond Tanti.

33. Dan kien wieħed minn dawk li waqt l-inċident kien qed iżarma l-istruttura (it-truss). Jispjega li kienu erbgħa ħaddiema full time u wieħed part-time (a' fol 631). Dan ix-xhud jispjega li taħriġ formali ma ngħatax, "l- uniku tahrig kien li tgħallimt waqt ix-xogħol. Learning by doing ha insejhilha hekk." (ara a' fol 638). Għid ukoll li l-ktieb ossija il-manwal rah wara u mhux qabel l-inċident u qatt ma ġie f'idejh qabel (a' fol 638). Kien bgħatulu b'email Paul Falzon biex jitgħallmu mill-inċident (a' fol 639).

34. Dan Desmond Tanti għid li s-safety wear kienu jixtruhom huma minn buthom. L-ilbies prottetiv kien option jilbsuhx. Fil-fatt kien hemm min ma kienx jilbsu. Hu kien jilbsu minn jheddu mhux għax tgħidlu l-kumpanija. Dan għid ukoll li sa fejn jaf hu ma kien hemm ħadd li jieħu ħsieb il-Health u Safety (a' fol 637). Kienu jaħmdu b'mod normali minn fil- għodu sa fil-għaxija qrib 12-il siegħa u dejjem l-istess guy ta' nies (a' fol 639). Wara l-inċident ngħataw first aid kors u kienu inxtraw xi affarijiet ta' safety oħrajn bħal helmets u harnesses (a' fol 640).

35. L-Attur riprodott minn jheddu għid ".... aktarx ma konniex it-team kollu minhabba għejja u hafna xogħol u hafna hinijiet għax dik kienet l-akbar problema li konna nagħmlu hinijiet twal u kulhadd għajjien...naf li konna erbgħa minn nies. Tnejn nahdmu hemm u wiehed ma kienx ilu jahdem hemm hemmhekk u kien għadu zgħir" (a' fol 721). Dwar l-element ta' għejja l-Attur jispjega li kien jiġbed l-attenzjoni biex jinvestu f'safety wear u li kien jilmenta li l-lavranti ma kellhomx training u jgħaġġlu biex imorru d-dar għax super għajjenin (a' fol 865).

36. Is-soċjetà konvenuta kemm in eżami u anke in kontro eżami tonqos li tikkontradixxi ħafna minn dawn l-allegazzjonijiet. Minn dawn iż- żewġ passaġġi jirrisulta b'mod mill-aktar ċar, l-element ta' għejja fuq ix-xogħol u n-nuqqas lampanti ta' taħriġ u saħansitra l-ingaġġ ta' ħaddiema li ma humiex addestrati dwar dan ix-xogħol li intrinsikament huwa perikoluż għall-aħħar. L-Attur in kontro eżami għid li kien jilmenta ma' Paul Falzon li n-nies li kienu qed jassistuh mingħajr esperjenza u ġieli studenti (a' fol 863).

37. A' propositu tal-element ta' għejja, li spikka f'din il-Kawża, dawn il-Qrati osservaw hekk:

"...izda hu proprju meta haddiem jahdem fit-tul li juri kemm hu ta' esperjenza jew le għax imbagħad fejn tidhol l-għejja u n-nuqqas ta' attenzjoni jkun f'dak il-mument li tradesman juri l- sengħa tiegħu, li persuna bla esperjenza ma jkolliex". (Ara Sentenza tad-9 ta' Frar, 2004 , Prim Awla fl-ismijiet Anthony Zammit -vs- Mediterranean Oilfield Services Company Limited [Medserv Limited] per Imhallef Geoffrey Valenzia).

38. Ċirkostanza ta' importanza hija l-email li Paul Falzon bagħat li Desmond Tanti bil-manwal, biex b'hekk ikunu jistgħu jitgħallmu mill-inċident. Din l-email ma ġietx esebita iżda minn naħa tiegħu, la in kontro- eżami u l-anqas meta xehed minn jheddu ma ċahad din il-parti tax- xhieda. Iġifieri apparti li dan il-manwal qatt ma ġie f'idejn il-ħaddiem qabel l-inċident ironikament kellu jkun dan l-inċident biex dak li jkun jitgħallem x'inhuma r-riskji f'dan ix-xogħol, meta huwa l-obbligu ta' min iħaddem biex jagħmel risk assessment biex propju dawn l-inċidenti jiġu evitatiu ex tunc u mhux ex nunc.

39. A propositu ta' dan Regolament numru 10(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 424.18 (Regolamenti dwar Disposizzjonijiet Ġenerali dwar is- Saħħa u Sigurta`fuq il-Post tax-Xogħol) jipprovdi li għandu jkun id-dmir ta' kull min iħaddem u ta' kull persuna li taħdem għal rasha li tagħmel, jew li tiżgura li ssir, evalwazzjoni xierqa, suffiċjenti u sistematika tal-perikli għas- saħħa u s-sigurtà kollha li jistgħu ikunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r- riskji li jirriżultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha ta' l-attività tax-xogħol.

40. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u ta' persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom

ikunu esposti waqt ix-xogħol, kif ukoll ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà ta' persuni oħrajn, inklużi dawk li jżuru l-post tax-xogħol, liema riskji jirriżultaw mix-xogħol imwettaq, jew in konnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija ta' l-impriża.

41. F'tort, Winfield & Jolowicz on Tort, 18th edition, 2010 jingħad li: 16

> "A worker who proves that he has suffered injury because the statutory requirement has not been met establishes at least a prima facie case – he is not required to aver what measures the defendant should have taken to comply with the regulation." "Even if the employer is not responsible for defects in someone else's premises..., he may be under a duty to give advice, instructions or orders about commonly encountered hazards. Thus it has been held that in modern conditions the employee of a window cleaner should place an embargo on cleaning upper floor windows by standing on the sill unless there are anchorage points for a safety harness" (King vs. Smith [1995] I.C.R. 339)..."Even if the employer is not responsible for defects in someone else's premises..., he may be under a duty to give advice, instructions or orders about commonly encountered hazards. Thus it has been held that in modern conditions the employee of a window cleaner should place an embargo on cleaning upper floor windows by standing on the sill unless there are anchorage points for a safety harness (King vs. Smith [1995] I.C.R. 339)" (pg 240).

42. Għalhekk din il-Qorti ma sabet ebda responsabbilita' kontributorja da parti tal-Attur.

**Il-mekkanika tal-inċident**

43. Kienu erbgħa minn nies qed iżarmaw struttura ossia truss (a' fol 24). Din hija "a framework, typically consisting of rafters posts, and struts supporting a roof, bridge, or other structure" (Oxford Dictionary). Din l- istruttura hija tal-Aluminium li għandha erbgħa saqajn u kaxxa kwadra. Tinżel bic-chain blocks. Is-sieq ta' din l-istruttura taħdem biċ-ċappetti li tiżżarma bil-kontra. Is-sieq tal-aluminium fiha 7 metri għandha erbgħa ċappetti. Normalment dawn iċ-ċappetti jiżżarmaw 'l barra u jkun hemm erbgħa minn nies biex jilqgħuha u tiżżarma bil-kontra (a' fol 25).

44. Desmond Tanti wieħed minn dawk li kienu waqt l-inċident qed iżarma l-istruttura (it-truss) għid, li kienu erbgħa full time u wieħed part-time (a' fol 631). Dan ix-xhud għid hekk: "Inqalgħu pinnijiet tan-naha tat-truss u Philip li kien qed jorbot in-naha l-ohra tat-trus. B'hekk waqgħet in- naha li imbagħad waqet u wegga' Philip. Biex izzarma bil-fors iridu jinqalgħu l-pins" (a' fol 632). Dak il-ħin Philip kien qiegħed jorbot il-ħabel biex x'ħin tinżel ikun jista' jieħu ftit mill-piż tal-istruttura bil-ħabel biex il-piż ma jkunx kollu fuq min qiegħed jimxi taħt l-istruttura (a' fol 633). Skont dan ix-xhud inqalgħu l-pinnijiet ta' naħa u mhux ta' oħra. Skond dan ix- xhud hekk kien għid il-manwal. Is-sistema tal-ħabel introduċiha l-Attur bl- iskop li jnaqqas mill-perikolu u jiffaċilita' l-ħatt tal-istruttura.

45. Noel Watson, ħaddiem ieħor, jixhed hekk: "If the wrong safety pins were removed when Philip was pulling the checking to check the tension on the rope, that's when he must have fallen off balance". (a' fol 660 tergo).

46. L-ewwel darba li xehed, Paul Falzon xehed b'ċertu diżinvoltura fis-sens li minn dak li qalulu wasal għall-konklużjoni "Li xi hadd qala' l-pins hazin probabbli" (a' fol 713 u a' fol 731). Għalhekk Philip kien mingħalih li ser jinżel naħa u minflok niżel minn oħra (a' fol 713 tergo). Identifika lil Desmond Tant bħala l-persuna li qala' l-pinnijiet.

47. Importanti f'dan ir-rigward, l-aħħar xhieda li ta Desmond Tanti dwar liema pinnijiet qala':

"Mark Vassallo: Tax-xellug nehhejt int ?

Xhud: Jekk tinzel fuq ix-xellug tan-naha li tinzel fuq ix-xellug. Jekk nizlet

fuq il-lemin tan-naha li tinzel fuq l-lemin.

Dr. Mark Vassallo: Le imma f'dan il-kaz partikulari inti.

Xhud: Qed nipprova inpengiha go rasi.

Dr. Mark Vassallo: Inti dak in-nhar ta' liema nehhejt pinnijiet?

Xhud: Mela jekk tinzel fuq in-naha tax-xellug il-pinnijiet tan-naha tal-lemin.

Dr. Mark Vassallo: Igifieri inti qed tiskontra li nizlet.

Xhud: Biex tinzel fuq ix-xellug bil-fors trid tnehhi tal-lemin. U jekk tinzel fuq il-lemin bil-fors trid tnehhi tax-xellug". (a' fol 888).

48. Minn dan il-passaġġ huwa ċar li Desmond Tanti tassew jikkonfondi x-xellug mal-lemin. Għalhekk fuq il-bilanċ tal-probabalitjiet u preponderanza tal-provi l-Qorti tasal għall-istess konklużjoni waslu għaliha Paul Falzon u Noel Watson li kien Desmond Tanti li bi żball neħħa l-pinnijiet il-ħżiena. L-inċident seħħ fis-siegħat bikrin ta' fil-għodu meta kull ħadd kien għajjien u moħħu biex jitlaq lejn id-dar.

49. Għaldaqstant, din il-Qorti filwaqt li ser tkun qed tirrispinġi l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta, ser tkun qed tiddikjara li r-responsabbilita' unika għall-inċident taħti għaliha l-istess soċjetà konvenuta u dan prinċipalment minħabba li ma kellhiex sistema tajba f'postha biex jiġu evitati inċidenti ta' din ix-xorta meta l-ħaddiema tagħha ma kienux imħarrġin tajjeb u di piu' *overworked*."

8. Il-konvenuta appellat mis-sentenza, bid-doljanza li l-Ewwel Qorti "injorat u mmiżinterpretat fatti u pożizzjonijiet legali ħażin (*sic*)" u b'hekk għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi u ta' fatti.

9. Ir-rikors tal-appell huwa pjuttost twil. L-aggravji dwar ir-responsabbiltà mhumiex enumerati u għalhekk din il-Qorti sejra tagħmel dan is-sunt tagħhom; f'dan l-istadju ta' dawk li jolqtu r-responsabbiltà għall-inċident:

> (1) F'para. 18 tas-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti żbaljat fejn qalet li d-difiża prinċipali tal-konvenuta kienet li tipprova tixħet it-tort fuq l-attur billi ssostni li kien xogħlu li jieħu ħsieb li jkun hemm ambjent ħieles minn riskji għas-saħħa tal-ħaddiem. Il-konvenuta qatt m'argumentat hekk. Għarfet li dan l-obbligu jaqa' fuq min iħaddem.
>
> (2) F'para. 49 l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-inċident seħħ għaliex ma kienx hemm *a safe system of work*; ħaddiema mhux imħarrġa u *overworked*. Dan ma jirriżultax. L-attur stess spjega li kien iħarreġ lill-impjegati l-oħrajn u jwettaq is-sistema mħaddma mill-konvenuta (tant li tejjibha billi waqt il-ħatt kien juża' ħabel). Semma' biss li ma kellux nies biżżejjed biex jaħdmu u li n-nies li kellu kienu bla esperjenza u student. Asserzjonijiet li ġew kontradetti. Waqt iż-żarmar, kien hemm erba' ħaddiema. Apparti l-attur kien hemm Desmond Tanti u Noel Watson, it-tnejn t'esperjenza. L-aħħar persuna kienet *part-times* però ma ġietx identifikata. Il-Qorti stess (Para. 49 tas-sentenza) qalet li l-inċident seħħ għaliex Desmond Tanti qala' l-pinnijiet fuq in-naħa l-ħażina tat-*truss*.

Imkien ma ġie allegat li Tanti ma kienx jaf x'kellu jagħmel. Il-Qorti ma setgħetx tikkonkludi li ma kienx hemm sistema sana ta' xogħol jekk kien hemm proċess stabbilit li kieku ġie segwit ma kienx iseħħ l-inċident.

(3) L-Ewwel Qorti wasslet għall-konklużjoni li l-iżball ta' Tanti sar għax il-ħaddiema kienu *overworked*. M'hemm l-ebda prova ta' dan. Skont Tanti dakinhar ħadmu sa xi l-4 jew 5 p.m. Imbagħad irritornaw fil-11 p.m. biex iżarmaw. Skont Watson kellhom sagħtejn brejk u bdew iżarmaw fil-1 – 1.30 a.m. Tanti mkien ma jistqarr li kien għajjien jew *overworked*.

(4) Meta ġiet biex tapprezza n-negliġenza kontributorja, l-Qorti ma semmietx li l-attur kellu fuq il-lant tax-xogħol *safety gear* inkluż *hard hat* li ma libisx.

(5) L-Ewwel Qorti filli faħħret kemm felħet il-kapaċitajiet tal-attur (para. 20) u filli qalet li mkien ma jirriżulta li kien kompetenti skont Reg. 9 AL 424/18. Dan huwa nuqqas lampanti ta' oġġettivita.

(6) L-eżami oġġettiv li kellu jsir hu jekk bis-sistema li kienet qiegħdha titħaddem, u bit-taħriġ, esperjenza, u intellett biex titwettaq din il-proċedura, kienx jiġri dan l-inċident li kieku kulħadd ħadem kif ordnat. Ir-risposta hija fin-negattiv, għaliex Tanti kien jaf fuq liema naħa l-attur kien qed jorbot il-ħabel u allura ta' liema naħa jaqla' l-pinnijiet; l-attur kellu juża lbies protettiv u jara fuq liema naħa jorbot il-ħabel. Kompitu sempliċi u użat ripetutament. F'para 48 tas-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti tagħraf li dan l-iżball kien il-kaġun tal-inċident. Żball li ma kienx

tal-konvenuta. F'din iċ-ċirkostanza japplika l-prinċipju tal-*volenti non fit injuria*; prinċipju li l-Ewwel Qorti stess tabbraċċja f'para. 10,11, 13 u 14.

(7) Ir-rabta bejn l-attur u l-konvenuta hija regolata kemm b'responsabbiltà akwiljana naxxenti mil-liġi in ġenerali, kif ukoll *ex contractu*. Il-ħaddiem m'għandux jarmi kapriċċożament it-taħriġ, tagħmir u tagħlim li jagħtih min iħaddmu. Il-ħaddiem irid ikun infurmat sew bir-riskji; min-naħa l-oħra anke hu għandu jħares is-sigurtà tiegħu u ta' ħaddiema oħra u ma jagħmilx manuvri azzardati.

(8) Kull min iħaddem iwieġeb għall-aġir tal-ħaddiem tiegħu sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew sakemm ma jintweriex li hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh.

(9) L-appellant kien il-persuna inkarigata mis-sigurtà fuq il-post tax-xogħol skont Reg. 9 tal-A.L. 424/18; kien *operations manager* u kellu l-kompitu li jara l-inċident ma jseħħx u jara li l-miżuri tal-appellanta jiġu mħarsa bħal pereżempju jilbes il-*hard hat*. Il-Qorti injorat ix-xhieda indipendenti ta' Charles Micallef dwar ir-rwol superviżjonali u maniġerjali tal-attur, u attakkatu bħala li kien spiċċattiv. Dan ikompli jsaħħaħ in-narrattiva li l-ħaddiem kollox tajjeb u min iħaddem kollox ħażin.

(10) Allegatament kien biss wara l-inċident li l-ħaddiema ngħataw manwal dwar kif jaħdem it-*truss*. Il-manwal ma ġiex esibit u allura l-Ewwel Qorti ma kellhiex tużaħ bħala prova. Fi kwalunkwe każ, manwal u mhux manwal kulħadd kien jaf x'kellu jagħmel.

10. Dwar **l-ewwel aggravju**: Huwa minnu li quddiem l-Ewwel Qorti l-konvenuta ddefendiet ruħha billi sostniet li wettqet l-obbligu tagħha li tipprovdi sistema sikura ta' xogħol. B'danakollu insistiet li din is-sistema kienet f'idejn il-konvenut li għalhekk ma setgħax jattakka dak li wettaq huwa stess. Qagħda li minkejja l-protestazzjonijiet tagħha rrepetiet b'enfasi mhux żgħira saħansitra fir-rikors tal-appell innifsu. Għalhekk l-Ewwel Qorti altru milli kienet żbaljata meta ħadet qies ta' dan l-ilment fil-kunsiderazzjonijiet tagħha. Dan l-aggravju huwa mingħajr l-ebda siwi.

11. Dwar **it-tieni, t-tielet, il-ħames, it-tmien u d-disa' aggravji:** Permezz ta' dawn l-aggravji l-appellanti tattakka s-sejba tal-Ewwel Qorti f'para. 49 tas-sentenza tagħha, li jikkonkludi l-parti tas-sentenza li titratta r-responsabbiltà għall-inċident, li dan kien ikkawżat "prinċipalment minħabba li ma kellhiex sistema tajba f'postha biex jiġu evitati inċidenti ta' din ix-xorta meta l-ħaddiema tagħha ma kinux imħarrġin tajjeb u *di piu` overworked*". Dan għaliex (i) l-attur stess kien l-imgħallem li jħarreġ lill-ħaddiema (ii) jirriżulta li kellu jassistuh tlett ħaddiema li mill-inqas tnejn minnhom kienu ta' esperjenza u (iii) kif sabet il-Qorti stess, l-inċident seħħ mhux minħabba sistema ta' xogħol mhux sigura, imma għaliex wieħed minn dawn il-ħaddiema, kontra l-proċedura stabbilita, qala' pinnijiet fuq in-naħa l-ħażina tat-*truss*; (iv) ma jirriżultax li l-ħaddiema kienu stressjati.

12. Din il-Qorti tqis li biex wasslet għal imsemmija konklużjoni tagħha, l-Ewwel Qorti għamlet dawn il-kunsiderazzjonijiet:

(1) Id-destinazzjoni tal-impjieg – u s-salarju - tal-attur kienu dawk ta' *technician/rigger*. Ċjoè ta' ħaddiem bħall-oħrajn li iżda b'żieda ma' xogħlu ta' ħaddiem bħall-oħrajn kien jagħmilha wkoll ta' *safety officer u supervisor*.[2]

(2) Hi liġi espressa (Reg. 9 tal-Avviż Legali 424/18) li r-rwol ta' *safety officer* (i) ma jeżonerax lil min iħaddem mir-responsabbiltà u (ii) ma jpoġġix fi żvantaġġ lill-ħaddiem li jingħata dan ir-rwol.[3]

(3) Minn imkien ma jirriżulta x'*assessment* għamlet il-konvenuta meta poġġiet lill-attur f'dan lir-rwol u lanqas li l-attur għandu l-kapaċitajiet, kompetenza u tagħrif meħtieġ biex tassew jitqiegħed f'din il-pożizzjoni.[4]

(4) Qatt ma ngħata taħriġ formali lill-ħaddiema. Sempliċiment ingħataw manwal dwar kif jiżżarma t-*truss* permezz ta' ittra elettronika wara l-inċident. Ingħataw kors tal-ewwel għajnuna u lbies protettiv biss wara l-inċident. L-attur kien jilmenta, għalxejn, dwar in-nuqqas ta' lbies protettiv.[5]

(5) B'mod ġenerali kienu jitħaddmu ħaddiema bla esperjenza u ħinijiet twal. L-attur xehed kif il-ħinijiet twal kienu jwasslu għal għejja kbira fost il-ħaddiema.

(6) Qatt ma sar *risk assessment*. Skont Reg. 10(1) tal-L.S. 424.18 hu dmir ta' min iħaddem li jiżgura li ssir evalwazzjoni xierqa, suffiċjenti u

[2] Para. 18-26 tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.
[3] Para. 27-29 ibid.
[4] Para. 30 ibid.
[5] Para 31-34 ibid.

sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurtà kollha li jistgħu ikunu preżenti fuq il-post tax-xogħol.[6]

(7) In-nuqqas ta' tħaris tar-rekwiżiti regolamentari jġib minn tal-inqas każ *prima facie* ta' responsabbiltà ta' min iħaddem.[7]

(8) Fuq bilanċ tal-probabbilitajiet u l-preponderanza tal-provi, l-inċident seħħ meta bi żball Desmond Tanti neħħa l-pinnijiet fuq in-naħa l-ħażina tat-*truss*.[8] L-inċident seħħ fis-sigħat bikrin ta' filgħodu meta kulħadd kien għajjien u moħħu biex jitlaq lejn id-dar.[9]

13. L-Ewwel Qorti għamlet eżami ddettaljat tal-liġi dwar is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u tal-fatti u sewwa sabet li l-konvenuta kienet topera bi ksur tar-regolamenti rilevanti: la qatt għamlet *risk assessment;* la qatt ipprovdiet taħriġ lill-ħaddiema tagħha; la pprovditilhom ilbies protettiv u lanqas stħarriġ ta' *first aid*. Biex jissorvelja l-ħaddiema sempliċiment qabbdet wieħed mill-ħaddiema stess, bla ma tagħtu l-ebda stħarriġ, bl-inkarigu li jaħdem huwa stess daqs il-ħaddiema l-oħra, u mingħajr l-ebda kumpens għal dawn ir-rwoli addizzjonali. Saħansitra wkoll wara l-inċident, minflok stħarriġ formali sempliċiment intbagħatet ittra elettronika dwar kif jitħaddem it-*truss*, mingħajr l-ebda aċċertament li l-ħaddiema fehmuha.

---

[6] Para. 39 ibid.
[7] Para. 41 ibid.
[8] Para 43-48 ibid.
[9] Para. 35, 3748 ibid.

14. Din il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet li wasslet għalihom l-Ewwel Qorti wara l-kunsiderazzjonijiet mirquma fuq rikapitolati. Kollox jindika, anke mir-rikors tal-appell innifsu, li l-*policy* tal-konvenuta hija li ma tonfoq xejn fuq is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tagħha; li tħares lejn il-ħarsien tar-regolamenti b'ċiniċiżmu; u li tqis li biżżejjed li l-ħaddiema jitgħallmu bl-udit.

15. **Ir-raba' aggravju** xejn m'għandu mis-sewwa. Kien obbligu primarju tal-konvenuta li tipprovdi lbies protettiv. Hija m'onoratx dan l-obbligu impost mil-liġi u dan in-nuqqas ma jissaffiex bil-fatt li l-attur kellu lbies protettiv li xtara b'inizjattiva personali tiegħu u li ma libisx dakinhar tal-inċident. L-appellanti tippretendi li għandu jiġi applikat għal dan il-każ il-prinċipju tal-*volenti non fit iniuria*. Li jfisser li min jiftihem ma' persuna, espressament jew impliċitament, li jidħol għal sogru maħluq minn dik il-persuna, ma jistax ifittixha għad-danni li jirriżultaw minn dak is-sogru. Biex din id-dottrina tapplika jinħtieġ mhux biss ftehim li l-vittma tidħol għar-riskju imma wkoll il-kunsens li l-vittma tirrinunzja għad-dritt li tirkupra d-danni. Din il-Qorti għandha d-dubbju kemm dan il-prinċipju jista' japplika fil-każ preżenti għal dover impost minn liġi li hija ta' ordni pubbliku, intiża biex tipproteġi s-saħħa tal-ħaddiem. F'każ famuż Ingliż ingħad li "*an employee who complained of unsafe practice but nevertheless continues to work could not truly be said to have voluntarily agreed to waive his*

*legal rights*".[10] Dan għaliex ir-relazzjoni bejn l-impjegat u min iħaddem hija tali li jkun hemm dubju kemm il-kunsens ikun tassew ħieles. Dan l-aggravju ukoll ma jiswiex.

16. Permezz tas-**sitt aggravju**, l-appellanti ssostni li kieku l-ħaddiema segwew il-proċedura stabbilita, l-inċident ma kienx iseħħ; l-inċident kien frott ta' nuqqas ta' tħaris ta' proċedura *ben* stabbilita – Tanti billi ħall il-boltijiet fuq in-naħa l-ħażina u l-attur billi ma ssorveljax tajjeb x'kien qed isir u billi ma libisx ilbies protettiv. Il-konvenuta m'għandhiex tħallas għall-iżbalji tagħhom.

17. Din il-Qorti diġà tat il-fehma tagħha dwar l-ilbies protettiv. Dwar is-sorveljanza, Tanti kien ħaddiem bl-esperjenza u għalhekk l-attur kien jistenna li jsegwi l-metodu tas-soltu. Ma kienx ħaddiem novizz li kien jinħtieġ jingħata direzzjoni. L-attur dak il-ħin ma kienx jissorvelja imma jaħdem huwa wkoll. Fi kliem iċ-Charlesworth: " *it is not necessary for an employer to tell an experienced, skilled workman about matters of which he is well aware… unless there is reason to believe that he will not adopt them… An employer is not obliged to give constant or repetitive reminders*".[11]

[10] Smith v Charles Baker & Sons 1891 AC 325 House of Lords.
[11] Charlesworth & Percy *On Negligence* 9th ed. (1997) para. 10-40.

18. L-Ewwel Qorti attribwiet l-iżball ta' Tanti – *inter alia* - għall-għejja. L-appellant joġġezzjona li Tanti mkien ma qal li kien għajjien. B'danakollu, l-Ewwel Qorti kkonkludiet dan min-numru ta' sigħat li kien ħadem dak il-lejl u l-jum ta' qabel, kif ukoll minn dak li xehed l-attur, mhux kontradett. Dakinhar tal-inċident, il-ħaddiema kienu għamlu 'l fuq minn tnax-il siegħa. Bdew fis-7 a.m. tal-jum ta' qabel u bdew iżarmaw fis-1.30 tal-għada filgħodu, għalkemm ħadu *break.* Il-ħaddiema kkonfermaw li fuq proġett bħal dak ta' meta seħħ l-inċident kienu jaħdmu madwar 60 u 70 siegħa fil-ġimgħa. Xogħol dan ta' strapazz u ta' periklu. L-Ewwel Qorti hija ntitolata li tagħmel id-deduzzjonijiet li jidhrilha li joħorġu mill-provi. Tabilħaqq, l-appellant ma tikwerealx din is-setgħa imma sempliċiment tallega – inkorrettement – li ma kien hemm l-ebda prova f'dan is-sens.

19. M'hemmx dubju li l-konvenuta naqset mill-obbligu legali tagħha li tipprovdi post tax-xogħol sikur, mhux biss minħabba l-ħinijiet twal li kienu qegħdin jagħmlu l-ħaddiema; imma wkoll minħabba l-fatturi l-oħra li semmiet l-Ewwel Qorti, fosthom in-nuqqas ta' taħriġ. Mhux biżżejjed li l-impjegati tgħallmu bl-esperjenza. Kellhom jingħataw it-taħriġ. Għalkemm Tanti kien jaf x'kellu jagħmel, ma kellu l-ebda taħriġ formali dwar kif tiżżarma t-*truss* in kwistjoni, ebda tagħrif tal-perikli jekk il-proċedura tas-soltu ma tiġix segwita. Tagħrif li ngħata wara l-inċident meta kien tard wisq għall-attur.

20. Fil-liġi Ngliża, min iħaddem iġorr ir-responsabbiltà għall-atti magħmulin minn impjegat tiegħu fil-kors tal-impjieg tiegħu, inklużi atti negliġenti. "*Traditionally, it has been said that the act will be within the scope of the employment if it has been expressly or impliedly authorised by the employer, or it is sufficiently connected with the employment that it can be regarded as an unauthorised manner of doing something which is authorised... The underlying idea is that the injury done by the servant must involve a risk sufficiently inherent in or characteristic of the employer's business that it is just to make him bear the loss*".[12]

21. Fil-liġi tagħna dwar is-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol, li hija liġi speċjali, l-obbligu huwa li jaħtar persuna kompetenti. Din tixbaħ il-liġi ġenerali dwar ir-responsabbiltà vikarja *ex delicto* (Art. Tal-Kodiċi Ċivili). Imma anke f'każijiet bħal dawn ir-responsabbiltà vikarja (f'każijiet *ex delicto*) ġiet imwessa' minn dawn il-Qrati b'mod li (i) tkopri mhux biss il-mument tal-bidu tal-impjieg imma wkoll il-mument li fih l-impjegat jitqabbad jagħmel biċċa xogħol partikolari; u (ii) għandhom japplikaw il-prinċipju ta' kawża u riżultat, fis-sens illi jekk tirriżulta l-inkompetenza minħabba n-nuqqas tal-persuna mqabbda mis-sid, allura s-sid hu responsabbli għax ma setax jassumi l-kompetenza.[13]

---

[12] Winfied & Jolowicz, Tort, 18th Ed. (2010) By W.V. H. Rogers para 20-9.

[13] Grech vs Kummissarju tal-Pulizija app. 1.3.1988; Dimech vs Kummissarju tal-Pulizija, Prim Awla 13.2.1987; Naudi vs Schembri et noe, Prim'Awla 13.5.1991 iċċitati minn din il-Qorti, diversament komposta 17.02.2006 (S.T.O. V Degaetano, J.D. Camilleri, J.A. Filletti).

22. Issa fil-każ preżenti, kif tgħid l-appellanta stess (anke jekk għal finijiet differenti), għandna każ ta' responsabbiltà kemm *ex delicto* kif ukoll *ex contractu*. Fil-fatt, m'hemm xejn inkompatibbli bejn responsabbilità kuntrattwali u ħtija akwiljana. Jista' jkun hemm materja ta' delitt jew kważi-delitt ukoll f'materja t'obbligazzjonijiet konvenzjonali; f'liema ipotesi l-parti leża jista' jkollha żewġ azzjonijiet – dik li tiskatta mill-ħtija kuntrattwali u dik li titwieled minn ħtija *extra* kuntrattwali.[14]

23. Dawn iż-żewġ tipi ta' responsabbiltà għad-danni għandhom numru ta' differenzi bejniethom, fosthom il-piż tal-prova u l-effetti ġuridiċi. Torrente jillustra sewwa din id-differenza permezz ta' dan l-eżempju:

> *"Se io viaggio in tram, e, quindi, ho concluso un contratto di trasporto, e mi ferisco in un incidente, e' sufficente che io provi di* ***essermi trovato nel tram e di essere stato ferito.*** *Se, invece, mentre passo per la strada, sono investito dal tram, ho l'onere di provare non soltanto l'incidente, ma* ***anche il dolo o la colpa del vettore o dei suoi agenti****.[15]"*

24. Fil-każ ta' azzjoni għad-danni minħabba responsabbilità kuntrattwali, l-attur għandu jipprova li kellu favurih dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront tal-istess attur. F'din it-tip ta' azzjoni huwa l-konvenut li għandu piż ta' prova iktar diffiċli mposti fuqu, billi jinħtieġ jiġġustifika l-inadempjenza kuntrattwali tiegħu u jipprova li din irriżultat

[14] Dr. Louis Cassar Pullicino v Angelo Xuereb 03.07.2002 Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.
[15] Torrente & Schlesinger *Manuale Di Diritto Privato*, para. 394 p. 639.

minħabba fattur li ma kellux kontroll fuqu.  Fil-każ ta' azzjoni għad-danni mir-responsabbiltà *extra*-kuntrattwali huwa l-attur li għandu oneru ta' prova iktar diffiċli impost fuqu għaliex f'tali każ huwa jrid jipprova n-*nexus* bejn l-aġir tal-konvenut u d-dannu minnu soffert.

25. M'hemmx dubbju li l-impjieg huwa kuntratt, li impliċitu, jekk mhux espliċitu fih hemm l-obbligu ta' min iħaddem li jipprovdi ambjent sikur; l-istess bħal klijent li jirkeb fi tram u din taħbat u tkorrih; jew il-pazjent li jidħol fi sptar għal operazzjoni li tmur ħażin għaliex it-tabib impjegat tal-isptar ikun negliġenti. Obbligu dan dirett u mhux vikarju, li jmur lil hinn mill-obbligi statutorji ta' ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiem. Ir-responsabbiltà vikarja sseħħ meta jkun hemm delitt u m'għandhiex post fl-ambitu kuntrattwali. L-impjegat li jikkawża ħsara lil impjegat ieħor fil-kors tax-xogħol huwa l-aġent ta' min iħaddmu. Hawn ma tidħolx ir-responsabbiltà vikarja jew indiretta, imma r-responsabbiltà diretta. F'kuntest kuntrattwali, dak li jagħmel l-impjegat, jitqies li għamlu sidu.

26. *Ex contractu*, kull ma jinħtieġlu jipprova l-impjegat huwa li kien fuq il-post tax-xogħol u li sofra dannu. Sta għal min iħaddmu li jipprova fatti li jeskludu r-responsabbiltà tiegħu. M'hemmx dubju li fil-każ preżenti, l-attur skarika l-piż tal-prova tiegħu filwaqt li mhux l-istess għamel il-konvenut.

27. **L-għaxar aggravju** huwa totalment frivolu. M'hemmx dubju li l-prova li saret dwar il-manwal kienet waħda suffiċjenti għall-konvinċiment tal-Ewwel Qorti.

28. Tħares kif tħares lejn l-inċident, din il-Qorti m'għandhiex dubju li l-konvenuta għandha titqies unikament responsabbli kemm jekk ir-responsabbiltà tagħha titqies *ex delicto* (vikarjament), kemm jekk titqies ex *contractu*; kif ukoll *ex lege* (minħabba l-ksur tagħha tal-obbligu li tipprovdi post tax-xogħol sikur).

29. L-Ewwel Qorti llikwidat id-danni fis-somma ta' €477,339 billi għamlet dan il-kalkolu:

> "77. … €20,000 (salarju) x 32 (aspettiva tal-ħajja) = €640,000 – €89,600 (14% lump sum payment) = €550,400 = €440,320 (80% disability) + €10,000 (dannu psiko-soċjali) = 450,320 // 6% (rata ta' inflazzjoni) + (€27,019) = €477,339."

30. **Dwar il-likwidazzjoni tad-danni** l-aggravji tal-konvenuta huma li:

(1) L-Ewwel Qorti messha kkalkulat il-paga nett mhux gross.

31. Kif tammetti l-istess appellanti, s-sentenzi l-iktar riċenti ma jissufragawx din il-qagħda u għalhekk dan l-aggravju qiegħed jiġi respint.

(2) Il-multiplikand sa 65 sena huwa eċċessiv.

32. L-Ewwel Qorti rraġunat hekk dwar il-multiplikand:

> **“68.** Il-multiplier li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta’ qligħ li jingħata l-Attur jiġi kalkolat, hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f’dawn l- aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f’dan il-qasam ifissru l- multiplier bħala “*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff’s injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the ‘contingencies’ (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases”* (**Peter Cane, Atiyah’s Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ. 128**).
>
> **69.** Huwa wkoll stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni. Minbarra dan, il-bixra ta’ ħsieb wara Sentenzi ta’ dawn l-aħħar snin f’dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta’ skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta’ kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi.
>
> **70.** Illum huwa stabbilit li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta’ tal-vittma u mhux ma’ kriterji arbitrarji. Iżda fis-Sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjuġi Ransley vs Edward u Lydia konjuġi Restall tal-25 ta’ Jannar 2012** il-Qorti kellha dan xi tgħid:
>
> > “*Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta’ likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża* ***Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta’ Diċembru, 1967****. F’dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier, wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni c-‘chances and changes of life’, b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sa l-eta' tal-pensjoni*”.
>
> **71.** Iżda l-figura użata għall-iskop tal-multiplier mhux dejjem ingħatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem ġew użati l-istess prinċipji. Dan kien wassal biex il-**Qorti tal-Kummerċ fil-kawża Lambert vs Buttigieg deċiża fit-18 ta’ April, 1963** qalet hekk:
>
> > “*F'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qliegħ hu ħaġa ta' possibilta' u mhux ta' ċertezza u jkun jista' jonqos minn mument għall-ieħor anke għal kwalunkwe kawża materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġjat*".

> **72.** Issa din il-Qorti issib li l-aħjar kejl huwa dak tal-eta' tad-danneġġjat fil-mument tal-inċident sakemm jilħaq l-eta' tal-pensjoni soġġett dan il-kejl għall-istat ta' saħħa tad-danneġġjat qabel l-inċident li weġġa' fih. Minn eżami tal-provi ma jirrisultax li l-Attur kien isofri minn xi kundizzjonijiet li setgħu iqassrulu ħajtu. L-Attur twieled fit-12 ta' Lulju 1983 (ara a' fol 189) u għalhekk meta weġġa' fil-2015 kellu 32 sena. L-eta' pensjonabbli tiegħu hija dik ta' 65 sena, li jfisser il-mutiplier għandu jkun ta' 33 sena."

33. Billi din il-Qorti ma tarax raġuni l-għala għandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti li testendi l-multiplikand sal-età tal-irtirar ikkunsidrat li qabel l-inċident kien bniedem b'saħħtu li x'aktarx kien jirnexxilu jaħdem sa dik l-età, dan l-aggravju qiegħed jiġi riġettat.

> (3) Il-komputazzjoni tad-diżabilità hija waħda esaġerata. Messha hi 50%; tenut kont li l-attur sab impjieg ieħor u b'hekk ma sofriex telf ta' qliegħ.

34. Din il-Qorti tqis li skont ġurisprudenza kostanti, meta jkun hemm diversi diżabilitajiet fil-persuna, jittieħed il-*weighted average* skont il-formola:

$$\frac{(100-M) \times m}{100} + M$$

('M' hija l-ogħla rata ta' diżabilità; 'm' l-iktar baxxa).
Skont din il-formola:

(100-76%= 24%) x 11% = 264.

$$\frac{264}{100} = 2.64$$

2.64 + 76 = 78.64%.

35. L-Ewwel Qorti, għalkemm ma rriferietx għal din il-formola, iddikjarat li kienet qiegħdha taddotta s-sistema tal-*weighted average* u wasslet għal 80% rata ta' diżabilità globali. Din il-Qorti ma tara raġuni l-għala għandha tiddistakka ruħa mill-figura li wasslet għaliha l-Ewwel Qorti, anke għaliex hija viċin ħafna tal-figura li tirriżulta mit-tħaddim tal-formola fuq indikata.

36. Il-formola tiġi addottata rrispettivament mill-introjtu li l-vittma jista' jibqalha.

> "(4) Dwar id-dannu *extra*-patrimonjali ta' €10,000, dan ma jsib l-ebda riskontru fil-liġi tagħna."

37. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-aggravju. Kif jirrileva l-appellant innifsu, hawn *si tratta* ta' responsabbiltà kemm delittwali kif ukoll kuntrattwali. Anzi prinċipalment ir-relazzjoni li tiskatta minn kuntratt ta' impjieg hija waħda kuntrattwali.

38. Din il-Qorti, diversament komposta fis-sentenza fl-ismijiet; **Jane Agius v L-Avukat Ġenerali** mogħtija fl-14 ta' Diċembru 2015 irriteniet li:

> "18. Qabel xejn għandu jingħad illi l-Art. 1045 u 1046 tal-Kodiċi Ċivili, li fuqhom huwa msejjes l-argument illi ma jingħatawx danni non-pekunjarji taħt il-liġi ordinarja, għax dawk l-artikoli jaħsbu biss għal damnum emergens u lucrum cessans, jinsabu fit-tieni Sub- sub-titolu (§II) tas-Sub-titolu tnejn (II) tat-Titolu erbgħa (IV) tat- tieni (II) Taqsima tat-tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili: Fuq id-Delitti u Kważi-delitti. Għalhekk **jolqtu biss id-danni *ex delicto* u mhux dawk minn għejjun oħra ta' obbligazzjonijiet.**[i]
>
> 19. Issa fil-każ tallum Carlos Chetcuti kien taħt il-kustodja tad- Direttur tal-Ħabs u għalhekk ir-relazzjoni bejniethom aktar għandha min-natura

ta' relazzjoni kuntrattwali jew, għall-inqas, billi ma kinitx kunsenswali, ex lege, milli relazzjoni ex lege aquilia. Għalhekk, is-saħħa tal-argument imsejjes fuq l-Art. 1045 u 1046 jonqos ħafna."

39. Din il-Qorti, kif preżentement komposta, fis-sentenza li tat fit-30 ta' Lulju 2024, fl-ismijiet **Ivan Azzopardi v Alfred Sciberras** qalet hekk:

"32. F'materja kuntrattwali, l-Art. 1125 tal-Kodiċi Ċivili jgħid skjettament li: "Kull min jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat għad-danni."
33. Filwaqt li Art. 1135 jgħid hekk: "... id-danni li għandhom jitħallsu lill-kreditur huma, b'mod ġenerali, għat-telf li jkun bata; u l-qligħ li jkun ġie mtellef."

34. Art. 1125 ma jagħmel l-ebda limitu għat-tip ta' danni li jistgħu jiskattaw minn ksur ta' kundizzjoni kuntrattwali; Art. 1135 ma jagħmel l-ebda definizzjoni ta' "telf".

35. **F'materja kuntrattwali**, din il-Qorti, diversament komposta, f'sentenza riċenti aċċettat id-dannu "morali" jew aħjar extra-patrimonjali bħala parti mil-liġi tagħna. Din il-Qorti, diversament komposta, fil-kawża **Andrew Brincat v. Tabib Ewlieni tal-Gvern** li ngħatat fis-27.10.2021 qalet hekk:

"30. Effettivament ingħataw mill-qrati taghna danni morali f'kuntest kuntrattwali fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-31 ta' Mejju, 2019, fil-kawza fl- ismijiet **Edward Darmanin et v. Korporazzjoni Enemalta**, fejn ingħad:

*"27. Bla ma tidħol fil-kwistjoni jekk, ukoll qabel l-emendi mdaħħla bl- Att XIII tal-2018 u, wara, bl-Att XXXII tal-2018, jistgħux jingħataw danni morali f'azzjoni akwiljana, fil-każ tallum l-azzjoni hija dwar dritt ex contractu – mill-ftehim kollettiv – u għalhekk ma hemm xejn li jżomm lill-qorti milli tagħti danni morali."*

Applikati l-istess prinċipji għall-każ in ezami, fejn it-telf imġarrab mill-atturi huwa konsegwenza ta' nuqqasijiet imputabbli lill-konvenuti appellati, naxxenti minn rapport kuntrattwali (u mhux biss akwiljani) **din il-Qorti tqis li jkun ġust u ekwu li f'dan il-każ ukoll jingħataw id-danni morali** lill-atturi bħala parti mir-rimedju għal dik il-hsara li ġarrbu... Huwa ovvju li l-iżball li seħħ kawża tan-nuqqasijiet fis- sistema tas-saħħa pubblika kif kienet dak iż-żmien, wassal għal sofferenza u tbatija lill-atturi li ġarrbu t-telfa ta' ħajja tat-tieni wild tagħhom, li jmorru lil hinn minn danni reali. Il-Qorti tifhem li meta l- appellanti ġarrbu t-telf ta' tarbija, dan kellu effett devastanti fuq il-ħajja taghhom, mhux biss f'dak il-perjodu li kienu għaddejjin minn dak it- taqlib kollu... **li timmerita kumpens ulterjuri, jiġifieri dak morali, magħrufa wkoll bħala danni mhux patrimonjali.** Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tqis li jkun

> xieraq li tillikwida *arbitrio boni viri* favur iż-żewġ atturi appellanti s-somma ulterjuri ta' **€20,000 bħala danni morali**."

40. (5) Ir-rata ta' nflazzjoni ta' 6% ibbażata fuq sena waħda partikolari (2019) hi żbaljata. Fil-kawża **Cassar v Polidano Brothers**[16], il-Qorti ħadet kalkolu fuq medda ta' snin (2009-2023) u wasslet għal medja ta' 2.23% fis-sena.

41. B'referenza għal dan l-aggravju, din il-Qorti tqis li nflazzjoni ta' 3% tkun iktar ġusta.

42. Għalhekk tqis li d-danni għandhom jiġu llikwidati kif ġej:

> "€20,000 (salarju) x 32 (multiplikand) = €640,000 - €89,600 (14% ħlas lump sum) = €550,400. 80% diżabilità = €440,320. + 3% inflazzjoni = €453,529.60. €453,529.60 + €10,000 (danni *extra*-pekunjarji) = €463,529.60."

**Deċide;**

43. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħdha tilqa' parzjalment l-appell billi tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn laqgħet l-ewwel talba; tbiddilha fejn laqgħet it-tieni talba billi minflok tilqagħha fis-somma ta' erbgħa mija, tlieta u sittin elf, ħames mija u disgħa u għoxrin ewro u sittin ċenteżmu (€463,529.60) u tikkonferma t-tielet talba sal-ammont

[16] Roberta Cassar v Polidano Brothers Limited 25.04.2024 Qorti tal-Appell.

hekk likwidat bl-imgħax mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti sad-data tal-ħlas effettiv.

44. Spejjeż tal-Ewwel Istanza kif deċiżi mill-Ewwel Qorti; spejjeż ta' dan l-appell erbgħa minn ħamsa ($^4/_5$) għall-appellanti u wieħed minn ħamsa ($^1/_5$) għall-appellat.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb

[i] L-enfasi qiegħdha tiġi miżjuda minn din il-Qorti.